# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' April 2025**

**Nru: 5**

**Rikors Nru. 610/2024**

**Av. Antoine Camilleri bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza taż-żewġ soċjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas AG**

**v**

**Avukat Dr Ramona Attard u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li b'digriet datat is-16 ta' Settembru 2024 ġew maħtura bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Yu Chen Shoe Trading Co., Ltd u lil EURL Louai El Wassim Lilistirad, Lot Ennaser Lot No. 14 Local No. 01 Ain Fakroun OEB Algeria**

**Fil-qosor**

1. F'din il-kawża, is-soċjetajiet rikorrenti qiegħdin jitolbu lill-qorti tordna li tiġi distrutta konsenja ta' żraben sportivi li ġiet maqbuda mill-uffiċjali tad-Dwana. Skont is-soċjetajiet rikorrenti, dawn iż-żraben sportivi jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom u għalhekk huwa pprojbit id-dħul tagħhom ġewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-ri-

esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, importazzjoni temporanja, tqegħid ġewwa, żona ħielsa jew maħżen ħieles tagħhom.

**Qabda tal-kontejner numru DRYU4532283**

2. Is-soċjetà rikorrenti '*adidas International Marketing B.V.'* hija l-propjetarja ta' diversi markji; fosthom il-markju figurattiv magħruf bħala '*three stripes device*' li hija tuża fuq diversi prodotti bħal krakar, sandlijiet, żraben sportivi, abbiljamenti fuq ħwejjeġ sportivi, brieret u prodotti oħra. Hija tiddetjeni drittijiet ta' proprjetà industrijali fuq dan il-markju skont il-Kap. 414 u r-Regolament 608/2013, għaliex is-soċjetà rikorrenti rreġistrat l-imsemmija markju figurattivi bħala '*European Union Trade Mark*' (EU Trade Mark) mal-'*European Union Intellectual Property Office'* ('EUIPO') taħt in-numru 005271572.[1]

3. Is-soċjetà rikorrenti l-oħra, '*adidas AG*' hija l-propjetarja ta' diversi markji fosthom, il-markju 'ADIDAS' (kelma) u l-markji figurattivi magħrufa bħala '*three stripes device on footwear*', '*treefoil device*' u '*adidas',* liema markji huma wżati fuq diversi prodotti manifatturati minnha, bħal krakar, sandlijiet, żraben sportivi, abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi, brieret u prodotti oħra. Hija tiddetjeni drittijiet ta' proprjetà industrijali fir-rigward tal-istess markju 'ADIDAS' (kelma) u l-markji figurattivi magħrufa bħala '*three stripes device on footwear*', '*trefoil device'* u '*adidas'* skont il-Kap. 414 u r-Regolament 608/2013, għaliex is-soċjetà rikorrenti rreġistrat l-imsemmija markju 'ADIDAS' (kelma) u l-markji figurattivi magħrufa bħala '*three stripes device on footwear*', '*trefoil device*' u '*adidas'* bħala '*European Union Trade Mark*' (EU Trade Mark) mal-EUIPO taħt in-numri 014591754, 003517646, 005271598 u 005271580.[2]

4. Fit-8 ta' Frar 2024, ġie magħżul il-kontejner b'numru DRYU4532283 mill-vapur '*T ROOSEVELT*' mid-Dwana, għall-kontroll fiżiku tal-kontenut tiegħu. Skont il-polza tat-

[1] Ara estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-EUIPO tal-Unjoni Ewropea għall-EU Trade Mark Numru 005271572, f'paġni 11-15.
[2] Ara l-estratti informali maħruġa mir-reġistru elettroniku tal-EUIPO tal-Unjoni Ewropeja għall-EU Trade Marks Numri 014591754, 003517646, 005271598 u 005271580, f'paġni 16-19, 20-24, 25-30, u 31-35 rispettivament.

tagħbija, il-kontejner kien ġej mis-Singapore u ntbagħat mis-soċjetà esportatriċi '*Yu Chen, Shoe Trading Co. Ltd, Churchill House, 142-146, Old Stree, London, EC1V9BW, United Kingdom*' lis-soċjetà kunsinnatarja *'EURL Louai El Wassim Lilistirad, Lot Ennaser Lot No. 14 Local No. 01 Ain Fakroun OEB Algeria*.'

5. Il-kontejner infetaħ mill-uffiċjali tad-Dwana fit-28 ta' Frar 2024, u filwaqt li kien qiegħed jinħatt fit-3 ta' April 2024, instabu 150 kaxxa b'total ta' 3,000 par żarbun sportiv, b'markji ta' '*adidas AG*' u '*adidas International Marketing B.V.*' Peress li kien hemm suspett li dawn iż-żraben ma kienux ġenwini, il-Kontrollur tad-Dwana eżerċita l-fakoltà tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Kap. 414 u ssospenda r-rilaxx tal-konsenja. Fil-frattemp ġew elevati diversi kampjuni mill-konsenja sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tali żraben jikkostitwixxux "oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar proprjetà intellettwali" skont il-Kap. 414.

6. Fit-3 ta' Mejju 2024, ġiet innotifikata bil-konsenja d-ditta legali li tirrappreżenta s-soċjetajiet rikorrenti f'Malta. Din ingħatat id-dettalji pertinenti għall-każ, sabiex ikollha l-possibilità li tippreżenta applikazzjoni skont l-artikolu 5 tal-Kap. 414, f'każ li hija tqis li huwa meħtieġ.

7. Wara li ġew innotifikati bil-konsenja, is-soċjetajiet rikorrenti eżaminaw xi kampjuni li ġew elevati mill-konsenja. Mill-eżami li dawn wettqu, huma waslu għall-konklużjoni li ż-żraben ma kienux prodotti ġenwini tagħhom, u għalhekk huma informaw lill-Kontrollur tad-Dwana li kien beħsiebhom jiftħu proċeduri ċivili u talbuh sabiex ma jirrilaxxjax il-konsenja sakemm tingħata deċiżjoni sostantiva dwar il-meritu tal-każ.

8. Is-soċjetajiet rikorrenti pproċedew bit-tali proċedimenti ċivili fil-31 ta' Mejju 2024. Fir-rikors ġuramentat tagħhom, huma talbu lil din il-qorti sabiex:-

   i. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l- applikazzjoni bil-miktub li għamlu s-socjetajiet rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdaħħla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;

ii. Fil-konfront tal-ewwel socjeta' rikorrenti adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dħul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid gewwa zona ħielsa jew mahzen ħieles ta' din l-imsemmija konsenja li tikkonsisti fi tlett elef (3,000) par zraben sportivi, f'Container Numru DRYU4532283, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is- socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d- dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(l)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal- istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU *Trade Mark* Numru 005271572 irregistrat fisem is-socjeta' rikorrenti;

iii. Fil-konfront tal-ewwel socjeta' rikorrenti adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dħul mingħajr rilaxx għal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l- imsemmija konsenja ta' tlett elef (3,000) par zraben sportivi (inkluz l-imballagg tagħhom), f'Container Numru DRYU4532283, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l- applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-socjeta' rikorrenti lill- Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u għaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E.2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU *Trade Mark* Numru 005271572 irregistrat f'isem is-socjeta' rikorrenti;

iv. Fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti adidas AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dħul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid gewwa zona ħielsa jew mahzen ħieles ta' din l-l-msemmija konsenja li tikkonsisti fi tlett elef (3,000) par zraben sportivi, f'Container Numru DRYU4532283, da parti tal- intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-socjeta' rikorrenti lill- Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tal-EU Trade Marks Numru 014591754, Numru 003517646, Numru 005271598 u Numru 005271580 irregistrati fisem is-socjeta' rikorrenti;

v. Fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti adidas AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dħul mingħajr rilaxx għal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l-imsemmija konsenja ta' tlett elef (3,000) par zraben sportivi (inkluz l-imballagg tagħhom), f'Container Numru DRYU4532283, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u għaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil- konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Marks Numru 014591754, Numru 003517646, Numru 005271598 u Numru 005271580 irregistrati fisem is-socjeta' rikorrenti;

vi. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba u/jew tar-raba talba u/jew tal-ħames talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjez tal- intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal- Ligijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;

vii. Tordna kull rimedju ieħor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal- Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar-Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

viii. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013;

ix. Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.[3]

9. Fid-digriet tas-16 ta' Settembru 2024, ġew maħtura l-Avukat Dr Ramona Attard u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia bħala kuraturi deputati, sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetajiet intimati.[4] Dawn ippreżentaw risposta ġuramentata fl-4 ta' Ottubru 2024, fejn eċċepew:-

i. Illi preliminarjament, irid jingħad li l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.

ii. Illi l-kuraturi deputati jitolbu prova ta' fejn kienu notifika l-assenti;

iii. Illi l-kuraturi deputati jitolbu kull informazzjoni disponibbli jekk teżisti, oltre mid-dokumenti diġa' eżebiti, sabiex tkun tista' tingħata aktar dawl fuq il- kwistjoni mertu tal-kawża odjerna;

iv. Illi qed jiġu riservati eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi specjalment fil-kaz ta' kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw nies assenti b'mod partikolari fejn l-istess kuraturi deputati jafu jsiru edotti mill-fatti aktar tard fil-proceduri.[5]

10. Il-kunsinna għadha preżentement miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana, u ma jidhirx li saret xi talba mis-sid, mill-importatur jew mir-riċevitur tal-konsenja għar-rilaxx tal-konsenja skont l-artikolu 7(5) tal-Kap. 414.

**Jekk il-konsenja tikkonsistix f'oġġetti projbiti**

11. Skont l-artikolu 4 tal-Kap. 414, huma projbiti, id-dħul ġewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, importazzjoni temporanja, tqegħid ġewwa, żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti, li jkunu jikkontravjenu xi dritt(ijiet) ta' proprjetà intellettwali. Fost "l-oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar proprjetà intellettwali" kif imfissra fl-artikolu 2(1)(a) u 2(b) tal-Kap. 414 rispettivament, insibu:-

> "oġġetti falsifikati, jiġifieri:
>
> (i) oġġetti, inkluż l-ippakkettjar tagħhom, li jkollhom fuqhom mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li tkun identika mat-trade mark validament reġistrata għar-rigward tal-istess tip ta' oġġetti, jew li ma tkunx tista' tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn trade mark tali, u li b'daqstant tikkontravvjeni d-drittijiet tat-trademark involuta taħt il-liġi ta' Malta;

[3] Ara r-rikors ġuramentat tas-soċjetajiet rikorrenti, f'paġni 1-10.
[4] Ara d-digriet tal-qorti tas-16 ta' Settembru 2024, f'paġni 76-143.
[5] Ara r-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati f'isem is-soċjetajiet intimati, f'paġni 151-152.

> (ii) kull simbolu ta' trade mark (logo, tikketta, sticker, brochure, struzzjonijiet għall-użu jew dokument ta' garanzija) sew jekk preżentat separatament sew jekk le, fl-istess ċirkostanzi bħalma jkunu l-oġġetti msemmija fil-paragrafu(i);
>
> (iii) materjal tal-ippakkettjar li jkun fih it-trademarks ta' oġġetti falsifikati, ippreżentati separatament fl-istess ċirkostanzi bħalma jkunu l-oġġetti msemmija fis-subparagrafu (i)"
>
> "oġġetti mdaħħla b'piraterija, jiġifieri: oġġetti, li jkunu jew ikun fihom kopji magħmulin mingħajr il-kunsens tad-detentur ta' drittijiet ta' awtur jew drittijiet relatati, jew tad-detentur ta' dritt ta' disinn, sew reġistrat taħt il-liġi nazzjonali sew mhux, jew ta'persuna debitament awtorizzata mid-detentur fil-pajjiż ta' produzzjoni, fejn l-għemil ta' dawk il-kopji, li kieku kien ikun sar f'Malta, kien jikkontravvjeni d-dritt involut taħt il-liġi ta' Malta."

12. Kemm l-uffiċjali tad-Dwana kif ukoll ix-xhieda prodotti mis-soċjetajiet rikorrenti huma tal-fehma li ż-żraben sportivi huma ffalsifikati. Dan jiġi fil-fatt ikkonfermat fl-affidavit ta' Randolph Mizzi, spettur fis-sezzjoni tal-infurzar tad-Dwana,[6] kif ukoll f'dak ta' Sarah Talbot u Aline Olie, li jifformaw parti mid-dipartiment tad-drittijiet intellettwali tas-soċjetà '*adidas International Marketing B.V.*', u li huma awtorizzati biex jeżaminaw u jirrapportaw dwar il-kwalità u l-awtentiċità tal-prodotti kollha b'disinn tal-'*adidas*', inkluż dawk tas-soċjetà rikorrenti '*adidas AG*'. Talbot u Olie jgħidu li eżaminaw kampjuni mill-prodotti formanti parti mill-konsenja u li osservaw is-segwenti:-

> 1. The packaging is not genuine
> 2. The goods do not bear on them proper security labels
> 3. The logos and other signs on the goods have been improperly executed.[7]

13. Mill-eżaminazzjoni tagħhom, huma jikkonkludu li l-prodotti ma ġewx manifatturati minn jew bil-kunsens tas-soċjetajiet rikorrenti, kumpaniji affiljati magħhom jew kumpaniji liċenzjati minnhom. Huma jisħqu wkoll li ż-żraben sportivi elevati jikkontravvvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali detenuti mis-soċjetajiet rikorrenti u li:-

> "the reproduction of signs which are identical to the adidas registered trademarks on the samples could create confusion in the consumer's mind between genuine adidas

[6] Dan xehed li mill-eżaminazzjoni tal-kampjuni elevati, "Minn eżamijiet li saru fuq kampjunarji li kienu elevati, irriżulta li ż-żraben sportivi in kwestjoni kienu falsifikati." Ara l-affidavit ta' Randolph Mizzi, spettur fis-sezzjoni tal-infurzat mad-Dwana ta' Malta, bi speċjalizzazzjoni f'materji ta' proprjetà intellettwali, f'paġni 146-147.
[7] Ara d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Sarah Talbot u Aline Olie f'paġna 150.

> products and counterfeit, pirated or fake products of the like which have been examined."

14. Il-konklużjoni ta' Talbot u Olie ma ġietx ikkontestata mill-kuraturi deputati li jirrappreżentaw lis-soċjetajiet intimati.

**It-talbiet tas-soċjetajiet rikorrenti**

15. B'hekk ġie kkonfermat li l-oġġetti kellhom it-trademarks tas-soċjetajiet rikorrenti u li ma ġewx manifatturati minnhom jew bl-awtorizzazzjoni tagħhom. Lanqas ma ġew manifatturati minn kumpaniji affiljati mas-soċjetajiet rikorrenti, jew liċenzjati minnhom. Dana b'hekk ifisser li t-tlitt elef (3,000) par żarbun sportiv li nstabu fil-kontejner b'numru DRYU4532283, jikkostitwixxu 'oġġetti ffalsifikati' skont l-artikolu 2(a) tal-Kap. 414 u/jew 'oġġetti mdaħħla b'piraterija' skont l-artikolu 2(1)(b) tal-Kap. 414; u b'hekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetajiet rikorrenti.[8] Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ser tkun qiegħda tilqa' t-talba sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruġġi ż-żraben in kwistjoni hekk kif hija meħtieġa tagħmel, bħala regola ġenerali, skont l-artikolu 8(1)(a) tal-Kap. 414.

16. L-ispejjeż għandhom jitħallsu mis-soċjetajiet intimati, kif stipulat fl-artikolu 8(1)(a) tal-Kap. 414. Il-qorti ser tkun qiegħda ukoll tikkundanna lis-soċjetajiet intimati għall-ispejjeż indikati fl-affidavit ta' Randolph Mizzi, cioè dawn li ġejjin:-[9]

| Deskrizzjoni | Prezz |
|---|---|

[8] Fi kwalunkwe każ, ta' min jinnota li skont l-artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, oġġetti suspettati li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali jistgħu jinqerdu mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit jekk dritt ta' proprjetà intellettwali jkunx inkiser skont il-liġi tal-Istat Membru fejn jinstabu l-oġġetti, meta, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol min-notifika tas-sospensjoni tar-rilaxx jew tas-sekwestru tal-oġġetti:- (a) id-detentur tad-drittijiet ikun ikkonferma bil-miktub lill-awtoritajiet doganali l-qbil li jinqerdu l-oġġetti u li jemmen li nkiser dritt ta' proprjetà intellettwali; u (b) id-detentur tal-oġġetti (jew id-dikjarant) ikun ikkonferma l-qbil tiegħu li l-oġġetti jinqerdu jew ma jkunx innotifika lill-awtoritajiet bl-oppożizzjoni tiegħu għal dan – f'liem każ jitqies mill-awtoritajiet li "d-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti jkun ikkonferma l-qbil tiegħu li dawk l-oġġetti jinqerdu."

[9] Ara l-affidavit ta' Randolph Mizzi, spettur fis-sezzjoni tal-infurzat mad-Dwana ta' Malta, bi speċjalizzazzjoni f'materji ta' proprjetà intellettwali, f'paġni 146-147.

| | |
|---|---|
| Għadd tal-merkanzija mill-Uffiċjali tad-Dwana | €480.00 |
| Trasport tal-kontejner mill-port ħieles ta' Malta f'Marsaxlokk u l-ħatt tal-merkanzija għall-imħażen tad-Dwana u spejjeż oħra | €250.00 |
| Trasport tal-merkanzija mill-imħażen tad-Dwana għall-kumpless ta' distruzzjoni ġewwa Ħal Luqa | €250.00 |
| Kera tal-imħażen tad-Dwana b'rata ta' €86.19 kull metru kwadru għal kull sena. Il-merkanzija in kwistjoni tokkupa spazju ta' 5 metri kwadri | €430.95 |
| Ħlas ta' 4 uffiċjali tad-dwana għas-superviżjoni tal-ġarr u d-distruzzjoni tal-oġġetti involuti (madwar tliet siegħat) inkluż spejjeż amministrattivi | €280.00 |
| | **€1690.95** |

17. B'hekk, il-qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' **€1690.95** bħala spejjeż.[10]

18. Is-soċjetajiet rikorrenti talbu lill-qorti wkoll sabiex: "tordna kull rimedju ieħor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal- Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar- Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti." Din it-talba jidher li hija bbażata fuq is-sub-artikolu 8(1)(b) tal-Kap. 414, fejn jingħad li apparti dak li skont is-sub-artikolu preċedenti għandu jsir mill-qorti "bħala regola ġenerali," il-qorti għandha "tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-persuni involuti mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni." Dana wara li l-qorti tqis, "kif dovut, il-ħtieġa għal proporzjonalità bejn il-gravità tal-kontravvenzjoni u r-rimedji li jkunu ordnati kif ukoll l-interessi ta' terzi."

19. Però, peress li ma ġiex indikat ir-rimedju li din il-qorti qiegħda tiġi mitluba tagħti lis-soċjetajiet rikorrenti fuq bażi straordinarja, il-qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tilqa' din it-talba.

[10] Dan mingħajr preġudizzju għad-dritt li jista' jkollhom is-soċjetajiet rikorrenti sabiex ifittxu l-ħlas ta' xi spejjeż ulterjuri.

**Parti deċiżiva**

20. Għar-raġunijiet li ġew spjegati, il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara u tiddeċiedi, fil-konfront taż-żewġ soċjetajiet rikorrenti, illi ż-żraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlu s-soċjetajiet rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, u li jikkonsistu fi tlett elef (3,000) par żarbun sportiv u li nstabu ġewwa l-kontejner Numru DRYU4532283, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;

b. tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa zona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja li tikkonsisti fi tlett elef (3,000) par żarbun sportiv, f'kontejner Numru DRYU4532283, mill-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlu s-soċjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetajiet rikorrenti skont l-Artikolu 2(l)(a) u/jew (b) u l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana fir-rigward tal-EU Trade Mark Numru 005271572 irreġistrat f'isem is-soċjetà rikorrenti '*adidas International Marketing B.V.*', u fir-rigward tal-EU Trade Marks Numri 014591754, 003517646, 005271598 u 005271580 irreġistrati f'isem is-soċjetà rikorrenti '*adidas AG*';

c. tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerċ, tal-imsemmija konsenja ta' tlett elef (3,000) par żarbun sportiv (inkluż l-imballaġġ tagħhom), f'kontejner Numru DRYU4532283, mill-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlu s-soċjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E.2017/1001 u jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-soċjetajiet rikorrenti, u dana fir-rigward tal-EU Trade Mark Numru 005271572 irreġistrat f'isem is-soċjetà rikorrenti '*adidas International*

*Marketing B.V.'*, u fir-rigward tal-EU Trade Marks Numri 014591754, 003517646, 005271598 u 005271580 irreġistrati f'isem is-soċjetà rikorrenti '*adidas AG'*;

d. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruġġi z-żraben sportivi in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjez solidali tal-intimati, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;

e. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba tas-soċjetajiet rikorrenti;

f. tordna lis-soċjetajiet intimati sabiex iħallsu s-somma ta' **€1690.95** rappreżentanti l-ispejjeż tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni taż-żraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetajiet intimati.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur